**11 ta' Marzu, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Cecilia Aquilina *pro et noe*

*versus*

Joseph Raymond Aquilina

**Użu ta' "*Proprio et Nomine*" fl-Okkju ta' Rikors ta' Appell minn Diġriet Interlokutorju - *Nullità o meno* ta' l-Iskrittura Relattiva**

*It-tendenza tal-ġurisprudenza moderna hija kuntrarja għall-formaliżmu riġidu taż-żminijiet antiki u ma tħarisx favorevolment lejn dikjarazzjonijiet ta' nullità fejn mhumiex involuti kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u n-nullità mhix komminata mil-liġi.*

*Għalkemm ikun aħjar li f'kull skrittura fil-kors tal-proċeduri jitniżżel l-okkju intier tal-kawża li fiha tkun saret dik l-iskrittura, b'danakollu ma jistax jingħad li l-akkorċjament ta' l-okkju bl-użu tal-kliem "proprio et nomine" iwassal għan-nullità ta' l-iskrittura ġaladarba mill-atti tal-kawża stess ikun jidher biżżejjed ċar f'liema kwalità tkun qiegħda tidher il-parti; u dan qiegħed jingħad indipendentement mill-fakoltà mogħtija lill-Qorti mil-liġi, fil-każijiet kongruwi, li tordna jew tippermetti l-korrezzjoni opportuna.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-attriċi *proprio et nomine* tas-6 ta' Ottubru, 1983, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi fit-2 ta' Ottubru, 1983, il-konvenut żewġha, kontra l-volontà tagħha, ħa lit-tifel Matthew u qiegħed jirrifjuta jirritornah lilha, talbet lil dik il-Qorti tordna li l-imsemmi żewġha jiġi immedjatament ikkundannat jirritornalha t-tifel minuri Matthew, u li jiġi stabbilit li t-tlett itfal għandhom jibqgħu jgħixu

magħha fid-dar konjugali, b'aċċess raġonevoli lill-missier, kif kien l-arranġament bejniethom qabel dan l-inċident, u dana taħt il-komminazzjoni u sanzjoni tal-liġi għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti kontra l-intimat, kemm-il darba jibqa' jieħu l-liġi f'idejh; bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Rat ir-risposta tal-konvenut għal dan ir-rikors ta' l-attriċi *proprio et nomine*;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Ġunju, 1984, li permezz tiegħu dik il-Qorti ordnat li provviżorjament, pendenti l-kawża ta' separazzjoni, it-tlett itfal minuri tal-kontendenti għandhom jgħixu ma' l-attriċi ommhom fid-dar konjuġali, u għalhekk ordnat lill-konvenut biex jikkonsenja lit-tifel Matthew lill-attriċi fi żmien jumejn mid-data ta' l-istess digriet, bil-fakoltà lill-konvenut li jkollu aċċess għall-imsemmija tlett uliedu skond l-arranġament eżistenti f'dak iż-żmien rigward iż-żewġt itfal l-oħra, b'riserva ta' kull provvediment ieħor jekk ikun il-każ; l-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali, u dan wara li kkunsidrat:

*Omissis*;

Rat ir-rikors tal-konvenut Joseph Raymond Aquilina li appella minn dak id-digriet u talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess digriet u konsegwentement tipprovdi li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Matthew għandha tiġi fdata f'idejh u rregolata skond il-ftehim bejn il-partijiet milħuq fit-2 ta' Marzu, 1984, u f'dan ir-rigward tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fl-aħħjar interess tal-minuri, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta ta' l-attriċi appellata *proprio et nomine* li, *in*

*linea* preliminari eċċepiet in-nullità u l-irritwalità tar-rikors ta' l-appell "stante li l-okkju ma ġiex indikat fl-intier tiegħu, kif hu rikjest mil-liġi għall-proċedura ta' l-appell", u fil-mertu ssottomettiet li d-digriet li minnu sar l-appell huwa ġust u jixraq ampjament li jiġi kkonfermat, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet *it-trattazzjoni ta'* l-appell *mid-difensuri* tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rigward ta' l-eċċezzjoni dwar in-*nullità* tar-*rikors ta'* l-appell jiġi rilevat li dan huwa appell minn digriet interlokutorju mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-pendenza ta' kawża ta' separazzjoni istitwita mill-imsemmija attriċi Cecilia Aquilina "f'isimha proprju u bħala kuratriċi '*ad litem*' ta' uliedha minuri Matthew, Daniel u Gillian" kontra l-konvenut żewġha;

Fir-rikors ta' l-appell preżenti mill-imsemmi digriet, wara li ġie indikat in-numru taċ-ċitazzjoni relattiva (1207/83); l-okkju ġie indikat bħala "Cecilia Aquilina *pro et noe* -vs- Joseph Raymond Aquilina" - preċiżament bħal ma kienet għamlet l-istess attriċi fir-rikors tagħha *tas-6 ta' Ottubru*, 1983, *li* in segwitu tiegħu ġie mogħti d-digriet appellat;

Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tiddilunga ruħha fuq din l-eċċezzjoni, u tiddikjara mill-ewwel li fil-każ preżenti ma tirravvisax in-nullità eċċepita mill-appellata. Ir-rikors ta'

l-appell, infatti, fih indikazzjoni preċiża ta' l-isem u l-kunjom ta' l-attriċi u tal-konvenut, kif ukoll l-indikazzjoni li l-attriċi qiegħda tidher fil-kawża kemm f'isimha proprju u kemm '*nomine*'; għalkemm ma jissemmewx l-ismijiet tat-tfal minuri li f'isimhom qiegħda tidher, dan jidher biżżejjed ċar mill-atti tal-proċeduri li fil-kors u fil-pendenza tagħhom sar ir-rikors tagħha u l-appell mid-digriet relattiv. It-tendenza tal-ġurisprudenza moderna hija kuntrarja għall-formaliżmu rigidu taż-żminijiet antiki u ma tħarisx favorevolment lejn dikjarazzjonijiet ta' nullità fejn mhumiex involuti kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u n-nullità mhix komminata mil-liġi;

Għalkemm, naturalment, ikun aħjar li f'kull skrittura fil-kors tal-proċeduri jitniżżel l-okkju intier tal-kawża li fiha tkun saret dik l-iskrittura, b'danakollu, ma jistax jingħad li l-akkorċjament ta' l-okkju bl-użu tal-kliem "*proprio et nomine*" jwassal għan-nullità ta' l-iskrittura ġaladarba mill-atti tal-kawża stess ikun jidher biżżejjed ċar f'liema kwalità tkun qiegħda tidher il-parti; u dan qiegħed jingħad indipendentement mill-fakoltà mogħtija lill-Qorti mil-liġi, fil-każijiet kongruwi, li tordna jew tippermetti l-korrezzjoni opportuna;

L-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors ta' l-appell, għalhekk, ma tistax tiġi akkolta u qiegħda tiġi effettivament miċħuda, bl-ispejjeż relattivi kontra l-appellata...

*Omissis.*